ni bil-presenza tagħkom; din l-imġiba tagħkom hi ta' soddisfazzjon kbir għalija u jien ma ninsieha qatt. Għalhekk nispiċċa dawn il-kelmtejn tiegħi billi niżżiħajr lil kulħadd u billi naf li hawn ħafna fostna li qegħdin jaħdmu sħiħ għall-ġieh ta' Malta u ta' l-Ilsien Malti, nixtiqilhom kull suċċess u nawguralhom li ma jdumux ma jmisshom huma wkoll dan il-ġieh tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi".

---

## O TEMPORA! O MORES!

*Ta'* Wallace Gulia

Rajtkom ferħana, lewn in-nar ħaddejkom,
    Id f'id għaddejja;
Kien wara nżul ix-xemx, u jien sthajjiltkom
    Ġarrabtu l-għeja

Ta' ramliet imbiegħda, ta' blat u bajja,
    U xofftejkom rajt
Qegħdin iduqu l-qroll li tagħti l-ħajja:
    Wegħditkom smajt!

U għirt għas-saħħa ta' mħabbitkom sħiħa
    Bla ħjiel ta' frugħa;
U għirt ġo qalbi għat-tamiet sabiħa
    Ta' qlub żagħżugħa!

Għaddejtu l-lum quddiem xulxin bla sliem,
    Bla ferħ, bla ħeġġa:
Haristu 'l hinn, f'fommkom mitbuq il-kliem,
    U l-qlub imweġġgħa...

---

## FRAK

*Ta'* A. Cremona

### FRAŻIJIET U QWIEL FEJN TIDHOL IL-KELMA "LSIEN"

Ilsienu twil; Ilsienu jikkmandah; Ilsienu jaqta'; Ilsien bla għadam, iżda jfarrak l-għadam; Ilsien herrież, isħqu ġol-meħrież; Ilsien il-bniedem jittiekel bil-għasel; Ilsna tan-nar; Ilsien ta' qanpiena; Ilsien ta' moħriet; Ilsien ta' art; Ilsien il-kelb (ħaxixa, *Cynoglossum officinale*); Ilsien il-fart, (ħaxixa, *Echium vulgare*); Ilsien il-għasfur (ħaxixa, *Silene sericea et nocturna*); Ilsien il-għasfur (pastina); Ilsien ta' San Pawl (fossili); Ilsien tal-laħam imma jxoqq il-għadam; Ilsienu ma jdurx; Wisq drabi lsienek għandek iżżommu bejn snienek; Ilsienu jieklu; Ilsienu ħażin; M'għandux ħajta f'ilsienu; Ilsien ta' tellerita.

# NAF B'KOLLOX!

KUMMIEDJA B'ATT WIEĦED

ta'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

---